MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 502/2007

**Talba Nru: 502/07PBC**

**Yellow Pages (Malta) Limited
C11814**

**Vs**

**Sabrina Agius**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' hames

mija u erbgha u sittin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm564.76c) li huma ekwivalenti ghal elf, tlett mija u hmistax-il Euro u erbgha u hamsin centezmu (€1,315.54) u dan kwantu ghal tmien mija u hmistax-il Euro u tmienja u ghoxrin Euro cents (€815.28) - (Lm350) depozitu akkont ta' *commissions* li ghandu jigu rifuz fl-intier tieghu, stante li l-konvenuta thallset ghall-*commissions* dovuta u kwantu ghal hames mitt Euro u sitta u ghoxrin Euro cents (€500.26) - (Lm214.76c) valur ta' hsarat fil-vettura marka Peugeot numru REP 011 proprjeta' tas-socjeta' attrici ghal liema hsarat hija unikament responsabbli l-konvenuta, stante li d-danni graw waqt li l-vettura kienet fil-kustodja taghha. Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi hija ghandha tiehu hlasijiet ta' *commissions* li taghhom ghadha ma thallsitx u ghalhekk mhux talli m'ghandhiex taghti imma ghandha tiehu.

Illi dwar l-allegata hsara fil-vettura marka Peugeot REP 011 il-konvenuta teccepixxi li hija m'ghamlet l-ebda hsara fil-vettura in kwistjoni u peress li din hija vettura tax-xoghol kwalunkwe haga li ssirilha u li l-konvenuta m'ghamlithiex hi, ghandha tkun a karigu ta' sid il-karozza. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' John Mucat, Peter Paul Galea u ta' Sabrina Agius.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Simon Galea Testaferrata ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Reno Borg ghall-konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Sabrina Agius dahlet tahdem mal-kumpanija Yellow Pages (Malta) Limited u

ghal dan il-ghan gie ffirmat kuntratt ta' impjieg bid-data tas-27 ta' Settembru, 2006. Mal-kuntratt inghatat uzu ta' *company car* u gew iffirmati zewg skritturi wahda tal-25 ta' Settembru, 2006 u l-ohra tat-13 ta' Novembru, 2006. Il-konvenuta temmet l-impjieg taghha minn jeddha fit-28 ta' Frar, 2007 ghalkemm is-socjeta' attrici tghid li kienet hi li tterminat l-impjieg. Meta ntemm l-impjieg giet ezaminata l-vettura li giet imhollija ghad-dispozizzjoni tal-konvenuta waqt l-impjieg taghha u nstab li kien hemm xi grif fuqha u din il-karozza giet imsewwija u l-ispiza relattiva ammontat ghal hames mitt Euro u sitta u ghoxrin Euro cents (€500.26) - (Lm214.76c).

Inoltre, fil-bidu ta' l-impjieg hija nghatat somma ta' tmien mija u hmistax-il Euro u tmienja u ghoxrin Euro cents (€815.28) - (Lm350) *up front* biex taghmel tajjeb ghall-eventwali *commissions* billi fl-impjieg taghha hija kienet intitolata kemm ghall-paga u kif ukoll ghall-*commissions* izda billi ghall-bidu ma kienetx tkun ghad ikollha *commissions* ghax ma tkunx lahqet ghamlet *sales*, l-idea kienet illi din is-somma taghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas biex imbaghad eventwalment, meta l-impjegata taqbad ir-ritmu tax-xoghol, man man mal-*commissions* li jakkumulaw, din is-somma ta' tmien mija u hmistax-il Euro u tmienja u ghoxrin Euro cents (€815.28) - (Lm350) tigi rifuza lura lill-kumpanija.

Gara illi meta ntemm l-impjieg tal-konvenuta, hija ma kienet ghadha rrifondiet l-ebda parti minn din is-somma ta' tmien mija u hmistax-il Euro u tmienja u ghoxrin Euro cents (€815.28) - (Lm350) u ghalhekk is-socjeta' attrici qeghda titlob li tithallas din is-somma minghand il-konvenuta.

Il-konvenuta da parti taghha qeghda ssostni illi ghar-rigward tal-vettura m'ghandha thallas xejn ghaliex hija rritornat il-karozza fl-istess stat li giet konsenjata lilha u f'kull kaz, hija responsabbli biss jekk kienet involuta f'xi kollizjoni u l-incident ikun imputabbli ghaliha. Ghar-rigward tal-*commissions* tghid illi hija kreditrici tas-socjeta' attrici billi kien hemm *commissions pending* li taghhom ghadha ma thallsitx.

Dwar il-vettura

Ghar-rigward tal-vettura l-kuntratt bejn il-partijiet jiddisponi hekk:

"In case of accident, theft, damages, etc, I am liable to indemnify the company for such expenses…"

Il-karozza giet fdata lill-konvenuta fil-kors ta' l-impjieg taghha u ghalhekk hija kellha l-obbligu li tiehu hsieb din il-vettura bhala *bonus pater familias*. Dan jimplika illi l-konvenuta hija obbligata tiehu hsieb il-vettura u jekk il-vettura jigrilha xi hsara li jindika li hija kienet negligenti ghaliha ghandha taghmel tajjeb ghaliha.

In-natura tad-danni li dwarhom qed tilmenta s-socjeta' attrici huma konsistenti fi grif zghir kif jidher mill-*Company Motor Vehicle Inspection Sheet* a fol 15 tal-process (Dok. PPB1) u t-Tribunal huwa sodisfatt li dawn il-grif huma konsistenti ma' *fair wear and tear* u m'humiex danni rizultanti f'xi incident jew minhabba xi negligenza jew traskuragni da parti tal-konvenuta u ghalhekk bhala tali t-Tribunal huwa tal-fehma li anki fuq bazi ta' ekwita', l-konvenuta m'ghandhiex tigi mizmuma responsabbli ghal dawn il-hsarat. Huwa normali illi meta karozza tintuza regolarment, li sinjali ta' *wear and tear* johorgu u l-karozza jkollha bzonn il-manutenzjoni minn zmien ghal zmien u certament qatt ma kien intiz li l-kuntratt bejn il-partijiet iservi biex il-konvenuta taghmel tajjeb ghal dan it-tip ta' manutenzjoni.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ispirtu tal-kuntratt, u dan johrog anki minn ezami teleologiku, huwa illi jekk il-konvenuta tkun involuta f'xi incident u dan ikun imputabbli ghaliha, li hija taghmel tajjeb ghall-istess hsarat billi thallas l-*excess* meta jsir *claim* u x'jigri meta d-danni jkunu inferjuri ghall-*excess*. Dan jimplika incident li jaghti lok ghall-*claim* u mhux hsara li ssir bl-uzu normali tal-vettura. Inoltre jekk wiehed jara d-dokument iffirmat fit-13 ta' Novembru, 2006 hemm numru ta' kazijiet partikolari li l-kumpanija attrici rriskontrat bhala cirkostanzi li kellha

tissenjala b'mod partikolari li tahtom il-konvenuta tkun responsabbli ghalihom bhal per ezempju ghandha l-obbligu li ticcekkja z-zejt, li ma thallix il-petrol fit-tank jinzel taht ir-*reserve*, li tosserva r-regolamenti kollha tas-sewqan u ma ssuqx il-karozza taht l-influwenza tax-xorb jew xi sustanzi llegali, etc. L-ezempji kollha huma ezempji li jimputaw xi forma ta' negligenza jew htija tal-konvenuta u certament m'humiex indikattivi illi l-konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghal danni rizultanti minn *fair wear and tear* bhalma huwa l-kaz odjern.

Illi ghalhekk it-talba f'dan ir-rigward sejra tigi michuda.

<u>Il-*Commission*</u>

Ghar-rigward tal-*commissions*, il-kuntratt bejn il-partijiet jistipula sistema pjuttost komplikata dwar hlas ta' *commissions* pero' li huwa relevanti ghall-kaz huwa l-ahhar parti tal-klawsola ndikata taht l-intestatura *renumeration* li tghid:

"It is further agreed that, upon termination of his/her employment, any commission to which the employee would have been entitled to had he/she continued in such employment, shall not be due."

Fiz-zmien meta gie mitmum jew meta l-konvenuta temmet l-impjieg taghha, hija kienet gja' effettwat numru ta' *sales* li dwarhom hija rceviet 70% tal-*commission* relattiv u f'din il-kawza l-konvenuta qeghda ssostni li ghad fadalla tiehu d-differenza ta' 30%. Normalment, kieku baqghet fl-impjieg taghha, dawk it-30% kienet tehodhom meta l-ktieb tal-Yellow Pages jigi ppubblikat izda billi hija telqet jew l-impjieg taghha gie mitmum qabel ma dan il-ktieb gie ppubblikat ma lahqitx hadet dawn il-*commissions*.

Galadarba jirrizulta bhala fatt illi l-impjieg taghha ntemm qabel ma l-ktieb gie ppubblikat, it-Tribunal huwa tal-fehma illi teknikament skond il-kuntratt, il-konvenuta m'hijiex intitolata li tiehu l-beneficcju tar-rimanenti *commissions*.

B’danakollu, t-Tribunal ihoss illi jekk jieqaf hawn jista’ jaghti lok ghal arrikkiment indebitu fis-sens illi skond il-kuntratt bejn il-partijiet m’hemm ebda *provision* dwar *commissions* naxxenti minn *sales* li jkunu maghmula minn impjegat precedenti u ghalhekk it-Tribunal jifhem li dawn l-*unpaid commissions* jibqghu a kreditu tal-kumpanija attrici. B’hekk mill-banda ‘l wahda l-kumpanija qeghda tiehu beneficcju mis-*sales* u mill-banda ‘l ohra l-ebda impjegat m’hu qed jiehu l-beneficcju shih tal-*commission* pagabbli ghalkemm dan it-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt illi galadarba l-konvenuta ma baqghetx fl-impjieg mas-socjeta’ attrici, hija ma ppartecipatx aktar fil-gbir tal-bilanc li talvolta seta’ kien dovut minghand il-klijent li jkun ghamel l-ordni partikolari.

Il-konvenuta qeghda ssostni li ghad fadalla tiehu bilanc ta’ *commissions* ammontanti ghal erba’ mija u hamsa u disghin Euro u disgha u ghoxrin Euro cents (€495.29) - (Lm212.63c) skond Dokument SA a fol 36 tal-process liema nformazzjoni ma gietx kontradetta. B’danakollu t-Tribunal ma jidhirlux li ghandha tiehu dan l-ammont shih u fuq bazi ta’ ekwita’ qed jillikwida l-kumpens li ghandha tibbenefika minnu l-konvenuta fl-ammont ta’ tmienja u tmenin lira Maltin u sittin centezmu (Lm88.60c) li huma ekwivalenti ghal mitejn u sitt Euros u tmienja u tletin Euro cents (€206.38).

Illi ghalhekk mill-ammont ta’ tmien mija u hmistax-il Euro u tmienja u ghoxrin Euro cents (€815.28) - (Lm350) mitluba bhala *commissions*, ghandu jkun hemm riduzzjoni ta’ mitejn u sitt Euros u tmienja u tletin Euro cents (€206.38) - (Lm88.60c) biex jigi bilanc ta’ mitejn u disgha u sittin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm269.40c) li huma ekwivalenti ghal sitt mija u sebgha u ghoxrin Euro u tlieta u hamsin Euro cents (€627.53).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara li l-konvenuta m’hijiex tenuta li tirrifondi lis-socjeta’ attrici l-kumpens mitlub rigward il-vettura izda fir-rigward tal-*commissions* ghandha thallas is-somma ridotta kif fuq spjegat u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ sitt mija u sebgha u

ghoxrin Euro u tlieta u hamsin Euro cents (€627.53) li huma ekwivalenti ghal mitejn u disgha u sittin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm269.40c) bl-interessi li jibdew jiddekorru mill-5 ta’ Settemmbru, 2007 (data tan-notifika ta’ l-Avviz).  Ghar-rigward ta’ l-ispejjez tal-kawza, dawn jibqghu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------